

Paġna ewlenija>Sib professjonist legali>Tipi ta' professjonijiet legali

## Tipi ta' professjonijiet legali

Litwanja

Din il-paġna tipprovdi lejn l-istruttura ġenerali tal-professjonijiet legali fil-Litwanja.

### Professjonijiet legali - introduzzjoni

Il-professjonijiet legali fil-Litwanja jinkludu:

Prosekuturi (prokurorai)

Imħallfin (prokurorai)

Avukati (advokatai)

Nutara (notarai)

Bailiffs (antstolai)

### Il-prosekuturi

#### Organizzazzjoni

Fil-Litwanja, hemm 56 uffiċċju tal-prosekuturi territorjali:

51 Reġjonali

5 Distrettwali

L-Uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali (Generalinē prokuratūra) huwa responsabbli mill-uffiċċji tal-prosekuturi territorjali (teritorinēs prokuratūros). Hija jew huwa tinħatar/jinħatar għal perjodu ta' seba' snin mill-**President tar-Repubblika Litwana** (Lietuvos Respublikos Prezidentas), bil-kunsens tal-Parlament (Seimas).

Il-prosekutur ġenerali huwa responsabbli lejn il-Parlament u l-President. Tipi ta' prosekuturi huma:

Il-prosekuturi ġenerali (generalinis prokuroras)

Il-prosekuturi territorjali prinċipali (distrettwali jew reġjonali) (vyriausieji (apylinkių arba apygardų) prokurorai)

Prosekuturi oħra.

M'hemm l-ebda relazzjoni bejn il-Ministeru tal-Ġustizzja u l-prosekuzzjoni – ta' subordinazzjoni, ġurisdizzjoni komuni jew kwalunkwe relazzjoni speċifika oħra.

### Rwol u dmirijiet

Il-funzjonijiet tal-uffiċċji tal-prosekuturi huma li:

Jorganizzaw u jidderiġu l-investigazzjonijiet ta' qabel is-smiġh

Isostnu l-akkużi f'isem l-istat f'kawżi kriminali

Jiproteġu l-interess pubbliku

Jiżguraw ġustizzja

Jassistu l-ġudikatura fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja

Il-prosekuturi jipparteċipaw fil-każijiet kriminali kollha u f'każijiet ċivili jew amministrattivi, fl-ordni indikat fit-talba.

### L-imħallfin

#### Organizzazzjoni

M'hemmx tipi differenti ta' imħallfin fil-Litwanja; kollha huma **imħallfin professjonali** (profesionalūs teisėjai).

Il-prinċipji ġenerali tal-ġudikatura huma stabbiliti fil-Kostituzzjoni u fl-att parlamentari li jirregola l-qrati. Il-qrati huma indipendenti, bil-korpi awto-regolatorji li ġejjin:

Il-laqqgħa ġenerali tal-imħallfin (Visuotinis teisėjų susirinkimas)

Il-kunsill ġudizzjarju (Teisėjų taryba)

Il-qorti tal-unur ġudizzjarja (Teisėjų garbės teismas)

Il-qrati huma assistiti fl-attivitajiet tagħhom mill-**amministrazzjoni nazzjonali tal-qrati** (Nacionalinė teismų administracija).

### Organizzazzjoni tal-professjoni legali: L-avukati

#### Avukati / Barristers

Hemm avukati (advokatai) u apprendisti ta' avukati (advokatų padėjėjai) fil-Litwanja. L-apprendisti tal-avukati jistgħu jirrapreżentaw lill-klijenti tagħhom fi proċedimenti ċivili u jiddefenduhom fi proċedimenti kriminali – bil-permess tal-avukat li jkun qiegħed jissupervijonahom u meta jistgħu skont il-liġi.

L-avukati u l-apprendisti tal-avukati mhumiex klassifikati skont it-tip. L-avukati huma liberi li jagħżlu l-qasam tal-liġi li fih jixtiequ jspeċjalizzaw (speċjalizzazzjoni tal-avukat).

#### Bażijiet tad-dejta legali

Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-**Assoċjazzjoni tal-Avukati Litwana** (Lietuvos advokatūra).

#### L-aċċess għal dan il-bażi tad-dejta huwa mingħajr ħlas?

Iva, l-aċċess għas-sit elettroniku tal-**Assoċjazzjoni tal-Avukati Litwana** huwa mingħajr ħlas.

#### Solicitors / Konsulenti legali

M'hemmx solicitors jew konsulenti legali fil-Litwanja.

### Nutara

#### L-organizzazzjoni

Teżisti tip ta' klassifikazzjoni waħda biss ta' nutara (notarai) fil-Litwanja. In-numru ta' nutara, l-uffiċċji tagħhom u t-territorju ta' ġurisdizzjoni tagħhom huma determinati mill-**Ministru tal-Ġustizzja** (Teisingumo ministerija). In-nutara huma maħtura u mkeċċja mill-Ministru.

In-nutara jaqgħu taħt il-**Kamra tan-Nutara** (Notarų rūmai). Kull sena, il-kamra tan-nutara tissottometti lill-Ministeru tal-Ġustizzja **rapport annwali** dettaljat dwar l-attivitajiet tagħha, flimkien ma' ħarsa ġenerali u linji gwida għall-attivitajiet tan-nutara fis-sena ta' wara.

L-atti regolatorji li jirregolaw lin-nutara huma approvati mill-Ministru tal-Ġustizzja, wara li titqies l-opinjoni tal-Presidenza tal-Kamra tan-Nutara (Notarų rūmų prezidiumas).

Jekk il-Ministru tal-Ġustizzja jkun tal-opinjoni li riżoluzzjoni jew deċiżjoni tal-Kamra tan-Nutara tmur kontra l-liġijiet tar-Repubblika tal-Litwanja, hija jew huwa tista' /jista' tappella quddiem il-Qorti Reġjonali ta' Vilnius (Vilniaus apygardos teismas) għal revoka ta' dawk ir-riżoluzzjonijiet jew deċiżjonijiet. Tista' ssib aktar informazzjoni fuq is-sit elettroniku tal-[Kamra tan-nutara Litwana](#).

#### **Rwol u dmirijiet**

Id-dmirijiet prinċipali tal-**Kamra tan-Nutara** huma:

**Koordinazzjoni** tal-attivitajiet tan-nutara

Li tiegħu f'isieb tal-**avvanz** professjonali tan-nutara

**Protezzjoni u rappreżentazzjoni** tal-interessi tan-nutara fl-istituzzjonijiet tat-tmexxija u amministrazzjoni tal-istat

Iddisinjar ta' **abbozzi ta' atti regolatorji** dwar kwistjonijiet relatati man-notarjat, u s-sottomissjoni tagħhom lill-Ministeru tal-Ġustizzja

**Uniformità** tal-prattika notarili

**Superviżjoni** tal-mod kif in-nutara jwettqu l-funzjonijiet tagħhom u jikkonformaw mar-rekwiżiti tal-etika professjonali

Li tiżgura l-**preservazzjoni** u l-użu tal-atti ppreparati waqt il-prattika tal-professjoni notarili

Li tiżgura l-**t-aħriġ** notarili

Twettiq ta' xogħolijiet oħra li huma msemmija fl-**Istatut tal-Kamra tan-Nutara** (Notary rūmų statutas).

#### **Professjonijiet legali oħra**

##### **Bailiffs**

Teżistu tip ta' klassifikazzjoni waħda biss ta' bailiff (antstoliai) fil-Litwanja.

Tista' ssib aktar informazzjoni dwar il-bailiffs fuq is-[sit elettroniku tal-professjoni tal-Bailiffs](#) u fuq is-sit elettroniku tal-[Kamra tal-Bailiffs](#) (Antstolių rūmai).

L-aħħar aġġornament: 18/02/2019

Il-verżjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċetta responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.